**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Diċembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**

**-vs-**

**Charlot Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identità numru 554483M**

*Kumpilazzjoni Nru. 9631/2024*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Charlot Mifsud** u ċioe talli:

> Nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħdax ta' filgħodu (11.00 hrs) u is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00 hrs) ġewwa Triq San Ġorġ San Ġiljan ġewwa l-istabbiliment tal-iSpar Supermarket u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin**:-**
>
> 1. Ikkommetta serq ta' **diversi fliexken tal-Alkoħol,** fejn il- valur tal- ħaġa misruqa huwa aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u li ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-dannu ta' l-istabbiliment tal-i**Spar Supermarket** u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;
>
> Ukoll talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa il-gżejjer Maltin, nhar t-tletin (30) ta' Novembru tas-

sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa il-gżejjer Maltin u nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2024) ġewwa Triq San Ġorġ San Ġiljan ġewwa l-istabbiliment tal-iSpar Supermarket u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer:-

*2.* Naqas li josserva xi kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (mill-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo), fid-digriet tagħha datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, billi waqt li kien meħlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wieħed ta` natura involontarja

*3.* Naqas li josserva xi kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (mill-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech ), fid-digriet tagħha datat l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, billi waqt li kien meħlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wieħed ta` natura involontarja

U aktar talli:

4. Huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

Din l-Qorti ġiet mitluba sabiex tirrevoka l-Kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest ta' **Charlot Mifsud** u tordna li jerġa' jiġi arrestat, filwaqt li s-somma mniżżla fil-kundizzjonijiet tal-Ħelsien tal-arrest ttieħed mill-Gvern ta' Malta kif stipulat minn artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Din l- Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-10 ta' Diċembru, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu,

din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tal-karattru refrattiv tiegħu, tal-fatt li l-kommissjoni ta' reati mill-imputat hi xprunata mill-bżonn tiegħu biex jiffinanzja l-vizzju misħut tad-droga li ħakmu.

Ittieħed kont li s-serq kien ta natura sempliċi.

Dak li joħloq tħassib lil Qorti hu l-fatt li l-imputat, li hu reċidiv anke ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, kiser żewġ digrieti li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49, 50, 284, 285, 289 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u tikkundannah għal **erbatax (14) il-xahar priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.
Inoltre tenut kont li l-imputat qed jinstab ħati li kiser il-kundizzjonijiet li dwarhom ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar is-27 ta' Ġunju, 2019 u dak mogħti minn din il-Qorti kif

preseduta nhar l-20 ta' Marzu 2022, ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tiegħu w tordna r-**riarrest** tal-imputat fil-proċedimenti li fihom ġew pronunzjati l-imsemmija digrieti dwar ħelsien mill-arrest.

B'konsegwenza qed tordna l-konfiska tad-depożitu ta' erba' mitt ewro (€400) impost bid-digriet imsemmi tal-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo tas-27 ta' Ġunju 2019 kif ukoll ta' erba' mitt ewro (€400) mid-depożitu impost fid-digriet ta' din il-Qorti mogħti fl-20 ta' Marzu, 2022 minn din il-Qorti kif preseduta.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qed tpoġġi l-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal zmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

**Notifika:** Onor. Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo